MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
## MAGISTRAT DR.
## CHARMAINE GALEA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2014

Numru. 302/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**

**vs**

**Omissis 1**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat Omissis 1 gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F’Hal-Qormi u/jew f’lokalitajiet f’Malta, f’Ottubru 2013 u fix-xhur ta’ qabel b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda:

1. B'eghmil zieni, ikkorrompa lil Omissis 2 ta’ 14-il sena;

2. u aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lokalitajiet u cirkustanzi, b’xi mezz barra minn dak imsemmi fl-Artikolu 203 (1), eccita, ghen jew iffacilita l-korruzzjoni ta’ Omissis 2 ta’ 14-il sena;

3. u aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lokalitajiet u cirkustanzi, ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht l-eta u cioe ma' Omissis 2 ta' 14-il sena ;

4. u aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lokalitajiet u cirkustanzi, wettaq attentat vjolenti ghall-pudur ta' Omissis 2 ta' 14-il sena;

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412 (C) tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Onorabli Qorti jidhrilha xierqa.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Omissis 2 u l-familja tieghu ai termini ta' l-artikolu 383 et sequitur, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba li b'zieda ma' kull piena li jidhrilha xierqa, tordna ukoll li l-hati jigi ghal xi zmien jew ghal kull zmien prevenut milli jezercita l-attivitajiet tieghu li jkollhom x'jaqsmu mas-supervizjoni tat-tfal.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum stess il-Prosekuzzjoni iddikjarat illi t-tieni imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni u li kienet qieghdha tirtira r-raba' imputazzjoni;

Rat li l-imputat ammetta ghall-ewwel u t-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikkonsidra l-posizzjoni tieghu;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Rat l-atti processwali l-ohra kollha;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta **l-ewwel u t-tielet imputazzjoni** migjuba kontra tieghu; u ghalhekk dawn huma sodisfacjentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura serja tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu li mhix xi wahda refrettarja. Hadet in konsiderazzjoni wkoll il-koperazzjoni tal-imputat mal-Pulizija u l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri. Pero hadet ukoll in konsiderazzjoni l-eta` tal-vittma li ghandu erbatax (14)-il sena u wkoll illi l-imputat ghazel li jippersisti f'relazzjoni intima mal-istess vittma, anke jekk din setghet kienet wahda konsenswali.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 203, 203A, 204C, 208B, u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijet ta' Malta, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni (2) imputazzjoni li nghatat bhala alteranattiva ghall-ewwel imputazzjoni, u tar-raba' (4) imputazzjoni peress li din giet irtirata mill-Prosekuzzjoni, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba kontra tieghu u **tikkundannah ghal piena komplessiva ta' sittax (16)-il xahar prigunerija effettiva.**

Il-Qorti qieghdha wkoll tohrog Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront tal-minuri Omissis 2, bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti kontestwalment, kontra l-imputat u dan ai termini tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dana peress li huwa fl-interess tal-vittma minuri li jkun protett mill-imputat.

Il-Qorti wara li rat il-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex, meta din is-sentenza ssir definittiva, l-imputat jitnizzel fuq ir-Registru ndikat fl-imsemmi Att u ghal dan il-ghan tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lill-imsemmi Registratur.

Il-Qorti inoltre tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem l-imputat u l-vittma fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------